# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

**Numru**

**Rikors Ġuramentat Numru: 127/2019 TA**

**Ingrid Magri Overend( ID 12771M)**

**vs**

**Transport Malta u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2019 l-isem ġie korrett għal**

**Awtoritá għat-Trasport f'Malta,u**

**Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

**<u>Il-Qorti</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Frar 2019 mill-Attriċi Ingrid Magri Overend li permezz tiegħu talbet is-segwenti:-

1. "Illi fil-25 ta' April 2017, waqt li l-esponenti kienet mixja fi Triq San Gwann, kantuniera ma Triq l-Ifran fil-Belt Valletta, hija kienet vittma ta' inċident, fejn effetivament hija waqgħet u soffriet ġrieħi ta' natura gravi fl-għaksa il-leminija tagħha.

2. Illi dan l-inċident kien unikament imputabbli lill-intimati ġia la darba b'negliġenza, huma naqqsu milli iżommu it-triq in kwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u għalhekk dan in-nuqqas wassal għall-inċident in kwistjoni.

3. Illi b'mertu tal-inċident l-esponenti kellha tagħmel ħamest ijiem l-isptar, segwiti perjodu ta' erbgħa xhur konvalexxenza id-dar u għada sal-llum ma tistax timxi kif suppost u/jew timxi għall-distanzi normali, aħseb u ara twal.

4. Illi dan l-inċident kien kaġun tal-istat diżastruż li fiha tinsab it-triq, u għalhekk huwa imputabbli lill-intimati jew min minnhom, li ma żammewx it-triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u għar minn hekk ma żammewx it-triq sigura biex jiġu evitati inċidenti simili.

5. Illi b'kaġun ta' dan l-inċidenti l-esponenti soffriet diżabilita permanenti f'saqajha u dan kif ġie iċċertifikat mill-Kijurgu Mr. Thomas Azzopardi, li kopja tar-rapport tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A fejn ikkonferma illi l-esponenti kienet qiegħda issoffri minn diżabilita permanenti ta' 7%.

6. Illi apparti minn hekk kellha tinkorri diversi spejjeż mediċi u dan b'riżultat dirett tal-inċident tal- 25 ta' April 2017, liema spejjeż jammontaw għall-€704 u jinkludu visti mal-kijurgi, tobba, physio therapists u dan fost spejjeż oħra, li jirriżultaw mill-kopji ta' l-irċevuti li qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok B sa Dok F

7. Illi l-esponenti għalhekk soffriet diversi danni inkluż, id-diżabilita permanenti, l-ispejjeż li inkorriet kif ukoll it-telf ta' dħul minħabba l-inċident, liema danni huma responsabbli għalihom l-intimati.

8. Illi l-esponenti interpellat lill-intimati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha, inkluż bl-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru 2017 li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok G, imma minkejja dan huma xorta waħda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

9. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment u qiegħda tikkonfermahom bil-ġurament tagħha.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda titlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta u tiddeċiedi il-kawża billi;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għall- inċident li seħħ fil-25 ta' April 2017 u għalhekk konsegwentament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti in segwitu għall-istess inċident.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti in segwitu għall-inċident tal-25 ta' April 2017, liema danni jinkludu imma mhux limitati għall- spejjeż inkorsi, telf ta' introjtu, riżarċiment għad-diżabilita, damnum emergens u l-lucrum cessans, jekk jeħtieġ anki bl-għajnuna ta' Perit nominandi .

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti għas-subbizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta tat-8 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:-

1. "Illi referibilment għal-ewwel talba din hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu diretta lejn l-intimati u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li ma kienu bla ebda mod responsabbli għal allegat inċident li seħħ fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' April 2017 u għal konsegwenti allegati danni.

2. Illi referibilment għat-tieni talba jsegwi li ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati fil-konfront tal-eċċipjenti u li għalihom għandhom jagħmlu fronti.

3. Illi referibilment għat-tielet talba jsegwi illi ma hemmx danni li għalihom l-esponenti għandhom jkunu kundannati li għamlu tajjeb fil-konfront tar-rikorrenti.

4. Illi l-ambjent fejn allegatament ġara xi inċident lir-rikorrenti kien għadu kif ġie kompletat mill-intimata l-oħra Transport Malta tramite kuntratturi minnha stess inkarigati. Dawn l-istess kuntratturi jkunu obbligati u marbutin li jiggarantixxu x-xogħol minnhom magħmul għal ċertu numru ta' snin. Oltre minn hekk il-kunsill dejjem esegwixxa fedelment id-doveri tiegħu impost fuqu mill-liġi. Aktar minn hekk huwa l-każ ukoll li l-istess rikorrenti kienet negliġenti, traskurata u imperizija u ma eżerċitatx id-debita attenzjoni meta kienet qed timxi fl-istess ambjenti.

5. Salv risposti ulterjuri u bil-kap tal-ispejjeż jiġi soffert unikament mir-rikorrenti u/jew intimat l-ieħor".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtoritá għat-Trasport f'Malta tal-15 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti

**Teċċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Brian M Farruġia bil-karta tal-identita' numru 464470 M jikkonferma li l-fatti segwenti jafhom personalment:**

1. "Illi preliminarjament Trasport f'Malta' mhux il-leġittimu kontradittur stante li din m'għandha ebda personalita' ġuridika u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità intimata, li ġiet notifikata bl-atti promoturi, m'hijiex il-leġittimu kontradittur stante li t-triq in kwistjoni ma taqax taħt il-kompetenza tagħha;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' intimata m'hijiex il-leġittimu kontradittur stante li l-manutenzjoni u riparazzjoni tat-toroq u partikolarment tat-triq mertu tal-kawża ma taqax taħt il-kompetenza tagħha. Għal finijiet ta' kompletezza l-Awtorita' intimata qiegħda tannetti dokument li jinkludi t-toroq kollha li qabel Settembru 2018 kienu jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tagħha (stante li issa tali responsabbilita' waqgħet fidejn Infrastructure Malta), liema dokument ma jinkludi ebda triq fil-Belt Valletta (ara **Dok. TM1** hawn anness);

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tagħti prova tad-danni allegati minnha, liema danni qiegħdin jiġu kkontestati;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tal-Awtorità intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' intimata tirrileva li sussegwentement għall-ittra uffiċċjali intavolata mir-rikorrenti, l-istess Awtorita' kienet intavolat att ġudizzjarju (Ara **Dok. TM2** hawn anness) li permezz tiegħu kienet fl-ewwel lok irrilevat li n-nomenklatura tagħha hija 'L-Awtorita' għat Trasport f'Malta' u mhux Transport f'Malta u fit-tieni lok iddikjarat il-posizzjoni tagħha rigward il-mertu tal-istess allegat inċident. Anke fid-dawl ta' dan l Awtorita' intimata m'għandhiex tiġi kkundannata spejjeż;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjeż".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Permezz ta' din il-Kawża l-Attriċi qiegħda tfittex għad-danni li sofriet fuq il-persuna tagħha konsistenti fi ġrieħi ta' natura gravi fl-għaksa l-leminija ta' saqajha.

Skond l-affidavit tal-Attriċi (a' fol 40) l-infortun okkorra fil-25 ta' April 2017 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2:00p.m.) meta kienet mixja fi Triq San Ġwann, kantuniera ma' Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Hija tispjega li dan l-inċident ġara, waqt li kienet miexja qed tipprova tibbilanċja biex ma taqax minħabba li t-

triq kienet f'diżlivell. L-Attriċi madanakollu spiċċat waqgħet u konsegwentement ilwiet saqajha tant li faqqgħet u ħarġet il-barra.

L-Attriċi ttieħdet il-klinika tal-Furjana fejn ittiehdilha x-ray u ntbgħatet l-Isptar Mater Dei. Hemmhekk it-tabib tal-emerġenza prova jdaħlilha l-għadma f'postha iżda ma rnexxilux. L-Attriċi baqgħet l-Isptar sakemm ġiet operata mil-Konsulent Mr. Esposito tlett ijiem wara, jiġifieri fit-28 t'April 2017. 'L-għada ttieħdet id-dar fejn kellha tibqa' għall-perjodu ta' tnax -il ġimgħa konvalexxenza. L-Attriċi reġgħet ġiet operata f'Lulju tal-istess sena biex jitneħħew il-pinnijiet.

## Punti ta' Liġi

Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-Konvenuti jew lil min minnhom. Dan għal-ħsara li l-Attriċi sofriet u qed issofri fuq il-persuna tagħha b'konsegwenza tal-istat ħażin u ta' periklu li kienet fiħ t-triq in kwistjoni.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attriċi li ġġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrbet id-danni:

*"L-**Art 1031 tal-Kap 16** jistabilixxi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur tal-hsara huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.*

*Il-ligi generali taghna ma taghtix tifsira ta` culpa izda bhala effett tal-**Art 1032(1) tal-Kap 16** tidentifikaha bhala mgieba fejn jirrizulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias.*

*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).*

*Huwa wkoll accettat fil-gurisprudenza taghna illi "l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wiehed jehtieg jorbot l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuz; "prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).*

*Ikompli jinghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

*Fis-sentenza fil-kawza "**Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et**" deciza minn din il-Qorti (**PA/PS**) fit-3 ta` Ottubru 2003, b`riferenza ghall-Art 1031 tal-Kap 16, jinghad:–*

*"Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Paul Azzopardi et vs Charles Grech et"** inghad illi :-*

*" … jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi.*

*Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom"*

**Konsiderazzjonijiet**

Ħadd mill-konvenuti ma kkontesta l-istat ħażin u ta' periklu li skont l-Attriċi kienet fiha t-Triq in kwistjoni dik inhar tal-inċident. Iż-żewġ Konvenuti minflok laqgħu għal din l-azzjoni bl-eċċezzjoni ewlenija li ma humiex il-leġittimi kontradditturi. Il-provi tagħhom kienu kollha konċentrati fuq din l-eċċezzjoni kif sollevata minnhom it-tnejn.

Fix-xhieda u l-Affidavit tagħha, is-Segretajru Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Gabriella Aġius, tinsisti li ftit żmien qabel l-inċident l-awtoritá Konvenuta kienet wettqet xogħol ta' pavimentar tat-triq in kwistjoni (ara a' fol 94 u 136). Wara l-inċident din it-triq kienet ġiet ukoll irranġata mill-istess awtoritá Konvenuta. Is-Sinjura Aġius saħqet li fi żmien l-inċident, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tat-Triq in kwistjoni kienet dejjem f'idejn l-Awtoritá Konvenuta. Hija tgħid li, difatti, ma kienx il-Kunsill konvenut iżda l-Awtoritá intimata li ħarġet it-tender għal dan ix-xogħol.

L-Awtoritá Konvenuta dan ma kkontestatux. Anzi, fix-xhieda tagħha, Karen Cremona in rappreżentanza ta' l-awtoritá Konvenuta kkonfermat li "*Qabel Settembru tat-2018 it-toroq kienu jieħdu ħsiebhom Road Infrastructure Directorate. Dawn infirdu minn ma 'l-awtoritá ... f'Jannar tat-2019*...[u] *ħadnih aħna bħala Land Transport Directorate, Transport Malta. Ġie transferred minn direttorat għal ieħor.*"(a' fol 103).

Fuq l-istess mod xehed il-Perit David Vassallo li fi żmien tal-inċident kien impjegat tal-Awtoritá Konvenuta. Għalkemm irrefera għal Kap. 363 biex jemfasiżża l-punt li t-toroq li ma humiex arterjali u distributorji (bħal ma hi t-triq

li fuqha seħħ l-inċident) jaqgħu skont dik il-liġi taħt ir-responsabilitá tal-Kunsill Konvenut, huwa stqarr li "*fejn ma tkunx day to day maintenance imma major maintenance transport Malta dak iż-żmien tintervjeni....Aħna ovvjament tgħidli qatt ma intervjenejtu, intervjenejna b'mod maġġuri jiġifieri* ***proġetti ta' pavimentar ma jkunux għamlu l-Kunsill, tkun għamlithom l-Awtoritá***".

Huwa kompla jiċċara li fir-rigward ta' dawn il-proġetti, l-Awtoritá Konvenuta issa qed topera taħt l-isem ta' Infrastructure Malta minn meta din ġiet kreata f'Settembru 2018. Dan ix-xhud iżda jiċċara li qabel ma kien hemm Infrastructure Malta, kien hemm l-Awtoritá Transport Malta (ara xhieda a' fol 130).

F'dan l-isfond il-Qorti sejra issa tagħti ħarsa lejn il-liġi kif jirrisultalha li kienet viġenti fiż-żmien tal-inċident, jiġifieri qabel ma ġew introdotti l-emendi bis-saħħa tal-Att XXVIII tal-2018. Dan seta' wkoll jiġi konstatat minn din il-Qorti, fuq skorta ta' numru ta' Sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fl-epoka tal-inċident mertu tal-Kawża.

L-Artikolu 33 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia fl-2017, kien jipprovdi li :-

**"***(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi,* ***kull triq jew mogħdija****, li ma tkunx proprjetà privata:*

*Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

*(d) li jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali;*

*(2)* ***Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura****, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li 4*

*tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x),* ***huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali****.*" (emfażi tal-Qorti)

Il-provvedimenti transitorji tal-ATT XXXVIII li ġie mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 137 tal-4 ta'Lulju, 2018 jifta' dawl dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita' artikolu 26 tal-Att li jipprovdi hekk:

*"(1)F'azzjoni għal korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà li tirriżulta minn nuqqas fil-manutenzjoni ta' xi triq, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu istitwitikontra:*

*(i) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti qabel l-ordni f'artikolu 27 (1)kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli;*

*(ii) l-Aġenzija fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti wara l-ordni fl-artikolu 27(1)tkun taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; u*

*(iii) kunsill lokali fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti tkun taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni u l-ordnijiet fl-artikolu 27(2) u (3)rispettivament skont il-każ applikabbli:*

*Iżda meta triq hija kklassifikata bħala triq lokali skont il-leġiżlazzjoni applikabbli u taqa'*, *fi kwalunkwe miżura, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali,ir-responsabbiltà għal dik it-triq lokali m'għandhiex, fil-miżura ta'dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-kunsill lokali rispettiv jekk il-ħsarat fiha huma ta' natura straordinarja u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenziji".*

*(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)aktar 'il fuq, fir-rigward tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, għandha tkun difiża li jiġi ppruvat li:(a) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienu ħadu ħsieb skont kif kien raġonevolment meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, sabiex jiżguraw li dik il-parti tat-triq li magħha hija relatata l-azzjoni ma kenitx perikoluża għat-traffiku; jew(b) li l-korriment jew id-dannu rriżultaw*".

Issa huwa ċar li l-infortun mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fil-25 ta' April 2017, meta l-Att inkwistjoni għadda fl-4 ta' Lulju 2018 u l-ordni imsemmija fl-arikolu ċitat, żgur li ngħatat wara din id-data tal-inċident. Għalhekk il-loġika tgħidlek li bis-saħħa ta' dan l-arikolu, kienu għadhom responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq l-Awtorita' tat-Trasport u/jew il-Kunsill lokali skont il-każ.

Minn naħa l-oħra, l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta), kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia fl-2017, kien jipprovdi dwar is-setgħat u l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tat-toroq kif ġej:

*Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin* ***speċifikament b'konnessjoni mat-toroq*** *u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija: ……*

*(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:*

*Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità* ***sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità***" (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti).

Fid-dawl ta' dak dispost fil-liġi appena ċitata, u tenut kont tal-fatt inkontesat li l-ippavimentar tat-Triq li fuqha seħħ l-inċident u s-sussegwenti tiswija tagħha, sar mill-Awtoritá Intimata, il-Qorti tasal għal konklużjoni li seħħ bilfors xi forma ta' ftehim bejn iż-żewġ Konvenuti għal dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni

tat-triq in kwistjoni. Billi dan il-ftehim ma ġiex ippreżentat in atti, il-Qorti ma hiex f'qagħda li tkun taf fuq min ġiet mitfugħa jew kif inqasmet ir-responsabbilitá tal-istess. Ma hux possibbli li l-Qorti tikkonsidra li ħadd mill-konvenuti ma għandu jwieġeb għall-ħsara li sofriet l-Attriċi għaliex huwa prinċipju ta' importanza ta' amministrazzjoni pubblika tajba, li dawk l-Awtoritjiet li b'xi mod kienu involuti jew uzufruwew minn xogħoljiet pubbliċi, jekk filwaqt tat-twettiq tagħhom ikun seħħ xi infortun li seta' jkun evitat minnhom, għandhom iwieġbu għal dik il-ħsara.

Kif diġa' il-konvenuti ikkonċentraw unikament fuq il-punt dwar jekk din il-Kawża kelliex tkun diretta kontra tagħhom. F'ebda ħin ma provaw jeżonaraw lilhom innfushom mill-allegazzjoni li ma humiex responsabbli għal inċident għax ma kienx minnu dak li qed tallega l-Attriċi jew li dak li ġara kien tort tagħha. Għalhekk fid-dawl tad-diversi provvedimenti tal-liġi fuq indikati u anke tax-xhieda mogħtija, Il-Qorti sejra tqis li ż-żewġ konvenuti għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* tal-inċident de quo u għaldaqshekk.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attriċi.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>Danni attwali</u>

L-Attriċi trid li jiġu kalkolati bħala danni attwali l-ispejjeż li nkorriet kaġun tal-istess aċċident kif murija fl-irċevuti annessi bħala dokumenti B sa F (a' fol 10 sa 14) mar-rikors ġuramentat tagħha. Skont in-nota tagħha a' fol 156 (para 36), dawn jammontaw għal €704. Ma dan l-ammont il-Qorti tqis li għandu jiżdied ukoll l-irċevuta preżentata a' fol 91 fl-ammont ta' €5.

Għaldaqstant, il-Qorti tillikwida d-danni attwali sofferti mill-Attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' €709.

Telf ta' Qliegħ Futur (lucrum cessans)

Jirriżulta mill-atti li l-Attriċi ma hux ħa titlef mill-introjtu tagħha konsegwenza tal-inċident. Dan peress li baqgħet taħdem ix-xogħol li kienet tagħmel qabel mal-uffiċċju legali imsemmi minnha fl-affidavit.

Taħt dan il-profil il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak insenjat **mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili (per Imħallef Anthony Ellul) Rik. Nru. 943/09TA 18 fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008**: "*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward* ***George Gatt vs Francis E. Carbone nomine*** *deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi oħra in materja." Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fil-kawża* ***Susanne Davis et vs Anthony Galea*** *deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997 li "Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita' mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra*

*tikkaġuna telf futur.” Din hi r-realta’, minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qiegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneggjat. F’dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża* ***Joseph Caruana vs Joseph Gafa*** *deċiża fid-29 ta’ Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: “Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta’ ċertezza u nuqqas ta’ ambigwita’ jimponu teorija li teżigi li kull tip ta’ disabilita’ permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha.” (Fil-kawża li diġa’ saret riferenza għaliha fl-ismijiet* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et****, jingħad: “Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta’ diżabilita’ għandu jxejjen il-possibilita’ li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta’ diżabilita’ li jiġi stabbilit permezz ta’ esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun.”). Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta’ l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta’ inkapaċita’ li jkun sofra. Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta’ sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-*

*(a)* ***Joseph Smith vs Peter Grech*** *deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta’ Ottubru 1995, id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta “…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni blincrements kollha tagħha.” Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet*

*tikkontempla "danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."*

*(b)* ***Francis Farrugia vs David Darmanin*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem." Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.*

*(c)* ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.*

*(d)* ***Sylvia Rosso vs Etienne Galea*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-inċident (6 ta' Ġunju 2000) l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet*

*iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taht it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(e)* ***Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007. Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-incident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bazi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(f)* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri. Din il-*

*Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi.*"

L-awtur taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' guisto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Herd tat-22 ta' Diċembru 1967**). Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim din il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa d-danni skont il-liġi.

*Perċentwali ta' diżabilitá*

L-Attriċi preżentat rapport mediku tal-konsulent Mr. Thomas Azzopardi li kkonkluda li l-Attriċi qed tbati minn diżabilitá permanenti ta' 7% (ara rapport ex parte a' fol 5). L-espert imqabbad minn din il-Qorti, Mr. Frederick Zammit Maempel, wasal għal l-istess konklużjoni, u ċjoè li l-Attriċi qed tbati minn

diżabilitá permanenti ta' 7% (ara rapport a' fol 87). Għaldaqstant ir-rata li l-Qorti tqis li għandha tikkonsidra għall-fissazzjoni ta' danni hija dik ta' 7%.

*Salarju*

Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti se tqis is-salarju perċepit mill-Attriċi fis-sena preċedenti għall-inċident, jiġifieri fis-sena 2016.

Id-dħul tagħha skont l-FS3 relattiva għal-dik is-sena (a' fol 44) kien dak ta' €14,820 gross. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €890 bħala taxxa, u €2,712.80 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' €11,217.20. Applikat l-insenjament tas-sentenza appena ċitata, l-Qorti sejra tikkunsidra din is-somma bħala l-multiplikant.

Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-attriċi. Dan fid-dawl ta' dak ribadit minn dawn il-Qrati (ara **Apap vs Degiorgio, Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979; Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012**). Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500.

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

Jirriżulta mill-atti li l-Attriċi kellha 46 sena meta seħħ l-inċident (ara affidavit a' fol 41 para 17). Il-Qorti sejra għalhekk tikkalkula l-multiplier fuq il-ħajja lavorattiva rimanenti tal-Attriċi, ċioe' dak ta' dsatax (19) -il sena, jiġifieri ż-żmien

li jrid jgħaddi biex l-Attriċi tilħaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' ħamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

*Lump sum payment u lucrum cessans*

34. Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2017 u s-Sentenza ser tingħata ftit iktar minn ħames snin wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment.

Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fil-kawża tal-Prim Awla **Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża **Galea vs Piscopo PA 3/10/03**, 5% f'**Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01** u 0% fil-kawżi **Turner vs Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99** meta għaddew 15-il

sena, f'**Zammit vs Zahra PA 20/01/05** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20/4/90** meta għaddew 19-il sena.

Filwaqt li fil-każ in eżami għaddew 5 snin mill-inċident, il-Qorti tirrikonoxxi ukoll li, fiċ-ċirkostanzi, d-dewmien ma kienx jaħti għalih id-danneġjata. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 10%. Fil-każ in eżami l-Attriċi intavolat l-kawża kważi sentejn wara l-inċident. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-tnaqqis tal-lump sum payment għandu jkun ta' 14%.

Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali din il-Qorti qiegħda tiffissa u tillikwida in linea ta' lucrum cessans l-ammont ta' **€14,980.23** konsistenti f'salarju ta' €11,217.20 multiplikat b'19 -il darba li jammonta għal €213,126.80. 7% ta' dan l-ammont huwa €14,918.876. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal €17,418.88. Meta jitnaqqas 14% lump sum payment, jammonta b'kollox għal €14,980.23.

L-ammont globali ta' danni sofferti mill-Attriċi huwa għalhekk ta' **<u>€15,689.23</u>** (€14,980.23+€709)

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenuta Awtoritá għat-Trasport f'Malta;**

**Tiċħad l-eċċezzjonjiet tal-Konvenut Kunsill Lokali tal-Belt Valletta;**

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-Konvenuti huma responsabbli in solidum għall-inċident li seħħ fil-25 ta' April 2017 u għalhekk konsegwentament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti in segwitu għall-istess inċident;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi in segwitu għall-inċident tal-25 ta' April 2017 fl-ammont ta' ħmistax -il elf, sitt mija disa' u tmenin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€15,689.23);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-Konvenuti *insolidum bejniethom* iħallsu lill-Attriċi is-somma msemmija ta' ħmistax -il elf, sitt mija disa' u tmenin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€15,689.23);

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mil-Konvenuti in solidum.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**